MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2009

Numru. 935/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Magri)**

**vs**

**Jonathan Pace 25 sena bin John u Maria Dolores nee` Azzopardi mwieled fil-Pieta` fit-18 ta' April 1983 u li joqghod 'Starfish' Triq l-Irmigg Wied il-Ghajn. Detentur tal-karta tal-Identita` bin-numru 277083M**

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront ta' l-imputat Jonathan Pace u cioe` talli fit-13 ta'Lulju u fix-xhur ta' wara din id-data, xjentament, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentament, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsida l-istess;

Ikkonsidrat;

Illi fid-dawl tal-amissijoni maghmulha mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena l-Qorti sejra tieghu in konsiderazzjoni l-fedina penali kwazi netta, l-ammissjoni bikrija tal-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess u l-fatt illi l-imputat ikkopera bis-shih mal-pulizija fil-hin tal-investigazzjonijiet taghhom.

Ghalhekk il-Qorti wara li rat l-artikoli 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula  b’applikazzjoni tal-artikou 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta’ Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti qieghda twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dana il-perijodu ta’ liberta kondizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------